MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1152/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Rossella Falzon abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Rossella Falzon**

**vs**

**Linn Laferla**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Gunju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-sonmma ta' elf u wiehed u disghin lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm1091.18) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta' Frar 2003 gewwa Triq il-Pellikan, San Gwann bejn il-vettura bin-numru tar-

registrazzjoni LCB 706 misjuqa minn u propjeta’ tal-attrici Rossella Falzon u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAD 954 misjuqa mill-konvenuta, liema incident sehh unikament tort tal-konvenuta bhala rizultat ta’ traskuragni, mperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta’ Dicembru 2003 u ta’ dik li qed tintbghat kontestwalment mal-Avviz lis-socjeta’ assikuratrici tal-konvenuta, Middlesea Insurance plc, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali tal-10 ta’ Dicembru 2003 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-incident tat-traffiiku in kwistjoni ma garax tort tal-konvenuta izda tort ta’ Rossella Falzon kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma ghal kollox esagerati.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema’ x-xhieda ta’ Rossella Falzon, ta’ PS 500 John Giusti u tal-konvenuta. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Din il-kawza tirrigwarda ncident stradali li sehh fit-22 ta’ Frar 2003 fi Triq il-Pellikan, San Gwann bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCB 706 misjuqa minn Rossella Falzon u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAD 954 misjuqa mil-konvenuta.

Rossella Falzon xehdet li dakinhar tal-incident hija kienet qed issuq il-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni LCB 706 fil-Wied tas-Swieqi gejja mid-direzzjoni ta’ San Giljan u sejra lejn San Gwann u ghalhekk hija kietn tielgha t-telgha. It-triq kienet imxarrba ghaliex kienet ix-xita. Meta waslet fil-liwja rat il-vettura tal-konvenuta gejja mid-direzzjoni opposta u qed tinstaq b’velocita’ qawwija u din il-vettura baqghet diehla fiha. Il-hsara fil-vettura ta’ Falzon kienet fil-kantuniera ta’ quddiem man-naha tal-lemin u fil-vettura l-ohra kienet fil-kantuniera ta’ quddiem lejn il-lemin u mal-genb kollu tal-lemin. Falzon tispjega li l-vettura taghha waqfet mal-impatt izda l-vettura l-ohra baqghet miexja l-isfel ghal certu distanza. Skond Falzon fil-liwja fejn sehh l-incident karozza trid iccedi lill-ohra peress li ma jghaddux zewg vetturi kontra xulxin.

Il-konvenuta xehdet li hija kienet qed issuq il-vettura taghha fil-Wied tas-Swieq niezla in-nizla u gejja minn San Gwann u sejra lejn is-Swieqi. Malli waslet fil-fetha li hemm fit-triq rat il-vettura ta’ Falzon gejja mid-direzzjoni opposta u miexja lejn nofs it-triq. Hija ghalhekk wwaqfet izda l-vettura l-ohra habtet maghha fil-bieba tas-sewwieq. Il-konvenuta tghid li hija ma setghatx tersaq aktar lejn ix-xellug ghaliex kien hemm hajt tas-sejjieh mentri kien hemm distanza konsiderevoli bejn il-vettura l-ohra u n-naha tax-xellug. Hija ma taqbilx mal-posizzjoni tal-vetturi kif indikata fl-iskizz ghaliex tghid li l-vettura l-ohra kienet mal-hajt u kienet f’nofs it-triq. Hija tghid ukoll li ma kienx hemm distanza ta’ 23 metru bejn il-vettura taghha u dik ta’ Falzon. In kontro-ezami il-konvenuta sostniet li l-vettura taghha ma kienitx imxiet wara l-impatt izda qalet ukoll li l-anqas il-vettura l-ohra ma setghat timxi minhabba li nqalatilha r-rota. Hija sostniet ukoll li l-habta ma saritx fil-liwja izda fil-fetha, f’liema fetha jistghu jghaddu zewg vetturi sejrin fid-direzzjoni opposta.

Din hija kollizzjoni li sehhet *f’country road* bejn zewg vetturi sejrin f’direzzjonijiet opposti. Il-konvenuta issostni li l-kollizzjoni sehhet fil-fetha li hemm fit-triq fejn jistghu jghaddu zewg vetturi sejrin fid-direzzjoni opposta izda tghid li l-incident sehh ghaliex Falzon kienet miexja lejn

nofs it-triq. Is-Surgent li nvestiga l-kaz xehed li huwa ma setghax jindika l-*ispot of impact* izda jghid ukoll li wara l-incident il-partijiet kienu indikawlu li l-impatt kien sehh fil-liwja. Mill-iskizz jidher li fil-liwja in kwistjoni ma jghaddux zewg vetturi sejrin kontra xulxin u ghalhekk xi wahda mill-vetturi trid iccedi lill-ohra. F'dawn it-tip ta' kollizzjonijiet generalment jigi deciz li z-zewg sewweiqa jkunu ugwalment responsabbli gahll-incident ghaliex huma ma jkunux waqfu sabiex xi hadd minnhom icedi lis-sewwieq l-iehor u jhallih jghaddi. Fil-kaz odjern izda jirrizulta ampjament mill-iskizz li l-kawza prossima tal-incident kien il-fatt li l-konvenuta kienet qed issuq b'velocita' eccessiva ghall-lokalita' in kwistjoni u ghac-cirkostanzi (tenut kont li kienet ix-xita). Dan jirizulta kemm mid-distanza konsiderevoli li hemm bejn iz-zewg vetturi kif ukoll mill-fatt li l-vettura tal-attrici sofriet hsara konsiderevoli u dan jindika li l-impatt kien wiehed qawwi. Il-konvenuta tghid li l-vettura taghha ma mxietx mal-impatt izda mbaghad tammetti li l-vettura l-ohra ma setghatx timxi ghaliex kellha r-rota maqlugha. It-Tribunal huwa aktar propens li jemmen il-verzjoni ta' Falzon fir-rigward, anki ghaliex din hija korroborata mill-iskizz u mix-xhieda tas-surgent li nvestiga l-kaz. Il-fatt li l-vettura tal-konvenuta imxiet dik id-distanza kollha wara l-impatt jindika li hija kienet qed issuq b'veloxita' tali li ma ppermettitilhiex li twaaqqaf il-vettura taghha malli rat il-vettura ta' Falzon gejja mid-direzzjoni opposta. Inoltre l-iskizz jindika wkoll li l-vettura tal-konvenuta hija maqlugha l-barra mill-hajt man-naha tax-xellug taghha filwaqt li l-vettura ta' Falzon tidher li hija razenti mal-linja bajda man-naha tax-xellug taghha liema linja tiddemarka speci ta' bankina skond dak li jghid is-surgent. It-Tribunal ma seta' jirriskontra ebda traskuragni fis-sewqan tal-attrici Rossella Falzon u jidhirlu li l-incident sehh unikament tort tal-konvenuta.

Il-quantum tad-danni reklamat mill-atturi jidher li huwa konformi mad-dinamika ta kif sehh l-incident de quo u l-istess atturi esebew l-ircevuti kollha sabiex jissostanzjaw it-talba taghhom fir-rigward. Jidher li huma issodisfaw l-obbligu taghhom ta' danneggjati li jimminimizzaw id-danni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ elf u wiehed u disghin lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm1091.18), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjalli tal-10 ta’ Dicembru 2003 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------